# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 13 ta’ Jannar, 2022**

**Kawza Nru. 15**

**Rik. Nru. 291/13JRM**

Fuad **GURUN MOHAMMED**

vs

**AVUKAT ĠENERALI** illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-25 ta’ Marzu, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (i) ssib li bid-deċiżjoni meħuda minnu fit-13 ta’ Awwissu, 2013, li jiċħadlu t-talba tiegħu għall-għoti ta’ *status* ta’ rifuġjat, il-Bord ta’ l-Appell dwar ir-Rifuġjati naqas li jħares il-prinċipji ta’ mġiba amministrattiva tajba skond id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 3(ċ), (d), (e) u (ħ) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap. 490 tal-Liġijiet ta’ Malta), kif ukoll naqas li jħares l-obbligi proċedurali skond id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 7(2) u 9(2) tar-Regolamenti dwar l-*Istandards* ta’ Proċedura fl-

Eżami ta' Applikazzjonijiet għall-istatus ta' Rifuġjat[1]; (ii) tħassar u tannulla l-imsemmija deċiżjoni tal-istess Bord; u (iii) terġa' tgħaddi lura l-atti lill-istess Bord biex jiddeċiedi dwar il-mertu mill-ġdid. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' April, 2013[2], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-25 ta' April, 2013, li biha l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li d-deċizjoni tal-Bord hija tajba u għandha tiġi konfermata. Żied jgħid li, fir-rigward tax-xilja ta' ksur tal-artikolu 3(2)(ċ), (d) u (e) tal-Kapitolu 490, l-attur naqas li jressaq ilmenti dwarhom imqar fir-rikors li bih fetaħ il-kawża u, f'kull każ, ċaħad li l-Bord tabilħaqq kiser dawk id-dispożizzjonijiet jew b'xi mod naqas milli jħarishom. Jgħid li mhux minnu li d-deċizjoni tal-Bord ma kinitx motivata u għaldaqstant ma kien hemm ebda ksur tal-artikolu 3(2)(ħ) tal-istess Att. Jiċħad li kien hemm ksur tar-regolament 7(2) tal-Avviż Legali 243 tal-2008 billi l-avukat li deher għall-attur kellu kull aċċess għat-tagħrif li kien jirrigwarda lill-attur. Jgħid ukoll li r-regolament 9(2) tal-istess Avviż Legali jgħodd meta t-talba tal-attur kienet quddiem il-Kummissarju għar-Rifuġjati u mhux fl-istadju ta' Appell quddiem il-Bord. Temm jgħid li l-fatt li d-deċiżjoni tal-Bord ma għoġbitx lill-attur ma jfissirx li d-deċiżjoni ma kinitx waħda tajba;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Ġunju, 2013[3], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tiġbor ix-xhieda tal-partijiet;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' April, 2016[4], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fid-19 ta' Lulju, 2016[5];

Rat in-Nota mressqa mill-attur fl-20 ta' Ottubru, 2016[6], li biha ċeda l-atti tal-kawża fil-mertu u żamm sħiħ il-kap tal-ispejjeż;

---

[1] A.L. 243/08 (L.S. 420.07) li llum il-ġurnata tħassru u minflokhom iddaħħlu r-Regolamenti tal-2015 dwar l-i*Standards* ta' Proċedura għall-Għoti u l-Irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali (A.L. 416/2015, L.S. 420.07)
[2] Paġġ. 9 – 10 tal-proċess
[3] Paġ. 19 tal-proċess
[4] Paġ. 411 tal-proċess
[5] Paġġ. 413 – 8 tal-proċess
[6] Paġġ. 419 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tal-atti tar-Rikors Maħluf numru 292/13 safejn jgħoddu għal din il-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju minn deċiżjoni ta' bord. L-attur jilmenta minn aġir mhux xieraq mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Bord") hu u jqis talba tiegħu biex jingħata *status* ta' rifuġjat f'Malta, u mid-deċiżjoni mogħtija mill-imsemmi Bord li ċaħditlu dik it-talba. L-attur jitlob li l-Qorti ssib li kien hemm ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3(ċ),(d),(e) u (ħ) tal-Atti dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, kif ukoll tar-regolamenti 7(2) u 9(2) tar-Regolamenti dwar l-i*Standards* ta' Proċedura fl-Eżami ta' Applikazzjoni għall-Istatus ta' Rifuġjat, tħassar u tannulla d-deċiżjoni tal-istess Bord u tibgħat lura l-atti lill-istess Bord biex iqislu t-talba tiegħu mill-ġdid fil-mertu;

Illi l-imħarrrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li d-deċizjoni tal-Bord hija tajba u għandha tiġi konfermata. Żied jgħid li, fir-rigward tax-xilja ta' ksur tal-artikolu 3(2)(ċ), (d) u (e) tal-Kapitolu 490, l-attur naqas li jressaq ilmenti dwarhom imqar fir-rikors li bih fetaħ il-kawża u, f'kull każ, ċaħad li l-Bord tabilħaqq kiser dawk id-dispożizzjonijiet jew b'xi mod naqas milli jħarishom. Jgħid li mhux minnu li d-deċizjoni tal-Bord ma kinitx motivata u għaldaqstant ma kien hemm ebda ksur tal-artikolu 3(2)(ħ) tal-istess Att. Jiċħad li kien hemm ksur tar-regolament 7(2) tal-Avviż Legali 243 tal-2008 billi l-avukat li deher għall-attur kellu kull aċċess għat-tagħrif li kien jirrigwarda lill-attur. Jgħid ukoll li r-regolament 9(2) tal-istess Avviż Legali jgħodd meta t-talba tal-attur kienet quddiem il-Kummissarju għar-Rifuġjati u mhux fl-istadju ta' Appell quddiem il-Bord. Temm jgħid li l-fatt li d-deċiżjoni tal-Bord ma għoġbitx lill-attur ma jfissirx li d-deċiżjoni ma kinitx waħda tajba;

Illi, wara li s-smigħ tal-provi kien ingħalaq u l-attur kien saħansitra ressaq is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub, l-istess attur ċeda l-atti tal-kawża fil-mertu, billi sadanittant, ingħata l-i*status* ta' rifuġjat[7], imma żamm sħiħ il-kap tal-ispejjeż;

[7] Verbal tas-smigħ f'paġ. 420 tal-proċess

Illi waqt it-trattazzjoni tal-għeluq sewwasew fuq il-kap tal-ispejjeż li l-attur żamm sħiħ, intwera li l-attur ingħata dak li talab minħabba li huwa ressaq talba ġdida mal-awtoritajiet u sejjes it-talba ġdida tiegħu fuq raġuni li ma kinitx l-istess waħda li semma fil-mertu tal-proċeduri li dwarhom ressaq din il-kawża;

Illi din il-kawża kienet miexja ma' oħra mibdija minn missier l-attur fuq l-istess mertu[8];

Illi għalkemm l-attur ma xehedx f'dan is-sens, waqt li kienet miexja din il-kawża, jidher ċar li huwa kien ressaq talba ġdida biex jingħata *status* ta' rifuġjat f'Malta u l-awtoritajiet ipproċessaw it-talba tiegħu li ħalliet ir-riżultat minnu mixtieq;

Illi, bħala prinċipju, l-artikolu 906(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti l-jedd lil kull waħda mill-partijiet li, f'kull waqt tal-kawża sal-għoti tas-sentenza, tirrinunzja b'Nota għall-atti li hija tkun ressqet f'dik il-kawża. Il-liġi trid[9], madankollu, li meta jiġri hekk, il-parti li tirrinunzja għall-atti tħallas l-ispejjeż tal-kawża u ma tistax tibda kawża oħra dwar l-istess ħaġa qabel ma tkun ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra. Sakemm ir-rinunzja tkun waħda mingħajr kundizzjonijiet, il-parti l-oħra ma tistax tirrifjutaha[10]. Iċ-ċessjoni ta' kawża hija waħda mill-għamliet ta' rinunzja għall-atti[11], u tibda sseħħ hekk kif issir fil-forma li tippreskrivi l-liġi u, ladarba tkun saret, ma tistax titħassar jew tinġibed lura[12] minħabba li r-rinunzja toqtol – sal-limiti li fiha tkun saret – il-mixi 'l quddiem tal-proċess ġudizzjarju[13];

Illi, madankollu, ir-riżervi magħmula f'Nota ta' ċessjoni jew rinunzja (bħal, per eżempju, "biex l-esponenti jirregola ruħu aħjar" jew "bla preġudizzju għal kull azzjoni oħra spettanti lill-esponenti") ma jagħmlux tali rinunzja waħda kundizzjonata[14], u l-parti l-oħra ma tistax tirroftaha. Ingħad li r-"*ratio*" ta' dan l-ordinament magħżul mil-liġi tagħna hu li, hekk kif jiddependi mill-attur jistitwix il-ġudizzju jew le, hekk ukoll minnu stess jiddependi jekk iridx ikomplih jew iwaqqfu f'kull waqt tal-kawża[15];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha l-attur ċeda l-mertu, imma b'kundizzjoni. Żamm sħiħa l-pretensjoni tiegħu dwar il-kap tal-ispejjeż. Dan wassal lill-Qorti biex ikollha b'xi mod tqis dak li joħroġ mill-atti tal-kawża biex tiddetermina jekk kemm-il darba l-eżawriment tal-kwestjonijiet fil-mertu jridx

---

[8] Li s-sentenza tagħha qiegħda tingħata llum fil-mertu
[9] Art. 907(2) tal-Kap 12
[10] Art. 908 tal-Kap 12
[11] P.A. RCP **28.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Sebastian Brincat et vs Antonio Mifsud et***
[12] P.A. AM **23.1.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Kummissarju tal-Artijiet vs Paul Apap noe*** (mhix pubblikata)
[13] P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***HSBC Bank (Malta) Limited vs Teg Industries Ltd.***
[14] App. Ċiv. **5.4.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Mirasole*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.137)**
[15] App. Ċiv. **8.5.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Aġius et*** (Kollez. Vol: **LI.i.584**)

iwieġeb għalih l-imħarrek, jew jekk jgħoddx għalih il-prinċipju msemmi aktar qabel li min iċedi l-atti jrid iħallas ukoll l-ispejjeż;

Illi, bi tħaddim tar-regoli fuq imsemmija, kien jaqa' fuq l-attur li juri li r-raġuni li wasslitu biex iċedi l-mertu tal-azzjoni tiegħu kienet ġejja mill-parti mħarrka u dan b'xi ħaġa li saret jew ġrat fil-mori tal-kawża. Jekk il-bidla fiċ-ċirkostanzi toħroġ minn xi għemil jew fatt li tikkontribwixxi għalih il-parti attriċi nnifisha, bħala regola, ma jistax jibqa' jingħad li l-eżawriment tal-mertu jkun seħħ għaliex il-parti mħarrka tkun ottemperat ruħha mal-pretensjonijiet attriċi. Kif deher sewwa mill-fatti f'dan il-każ, mhux talli l-imħarrek ma ottemperax ruħu mal-pretensjonijiet tal-attur, talli baqa' jisħaq li l-ilmenti tiegħu ma kinux mistħoqqa. Sa ftit jiem qabel l-attur ċeda l-mertu tal-azzjoni tiegħu, kien ressaq sottomissjonijiet miktuba li kienu għadhom juru li l-imħarrek ma bidilx il-pożizzjoni tiegħu u lanqas l-istat tal-proċediment maħluq bid-deċiżjoni tal-Bord attakkata bil-kawża. Il-Qorti tagħraf li l-attur għażel, kif kellu kull jedd, li jfittex il-jeddijiet tiegħu u jniedi proċeduri ġodda li tagħtih il-liġi biex jikseb dak li ma seħħlux jikseb bl-ewwel proċeduri minnu mnedija. Imma dan ma jfissirx li r-raġuni tal-eżawriment tal-mertu dwar l-ewwel proċeduri kien minħabba li l-imħarrek aderixxa mal-pretensjonijiet attriċi;

Illi waqt it-trattazzjoni tal-għeluq dwar dan il-kap, l-għaref difensur tal-attur argumenta li, ladarba l-patroċinat tiegħu seħħlu fl-aħħar mill-aħħar jikseb dak li xtaq, imissu jkun l-Istat li jerfa' l-piż tal-ħlas tal-ispejjeż ta' din il-kawża;

Illi l-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. L-azzjoni li huwa fetaħ kellha għan speċifiku dirett – li jattakka deċiżjoni tal-Bord fuq nuqqasijiet proċedurali u mhux fuq il-mertu. It-tieni proċedura li nieda kienet fuq mertu differenti u dan seta' kien determinanti għall-kisba tal-i*status* li talab. Ma ntweriex bl-ebda mod li l-awtoritajiet laqgħu t-tieni talba tiegħu biex jagħmlu tajjeb għal xi nuqqas min-naħa tagħhom fl-ewwel proċediment li ċaħad it-talba li kien għamel. Fuq kollox, fil-kawża mnedija minn missieru u li kienet qiegħda tinstema' ma' din, il-Qorti tat il-fehma tagħha li t-talbiet attriċi (li f'dik il-kawża kienu l-istess bħal f'din) ma kinux mistħoqqa;

Illi fuq is-saħħa ta' dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-kap tal-ispejjeż irid jitħallas minn min irrinunzja għall-atti, jiġifieri l-attur;

Għal dan ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni** milli tqis aktar it-talbiet attriċi fil-mertu, fid-dawl taċ-ċessjoni magħmula mill-attur bin-nota tiegħu tal-għoxrin (20) ta' Ottubru, 2016; u

**Tordna li l-ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-istess attur.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**13 ta' Jannar, 2022**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**